# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 784/04 MH**

**Illum 12 ta' Lulju, 2017**

**Vincent Curmi in rapprezentanza tal-assi ereditarji tal-mejjet Markiz John Scicluna u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2013 Christianne Ramsay Pergola bhala wahda mill-werrieta tal-markiz John Scicluna assumiet l-atti flimkien mal-attur Vincent Curmi noe**

**vs**

**Mary Rose armla ta' Dr. Patrick Holland**

**Il-Qorti;**

Rat **ic-citazzjoni tal-attur Vincent Curmi noe** tat-18 ta' Ottubru 2004;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-istess citazzjoni.

Rat **in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Rose Holland** tas-27 ta' Settembru 2005[1] li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Fol 53 et seq

*"1) Fl-ewwel lok, dato ma non concesso illi r-riversjoni allegata mill-atturi fil-fatt giet in effett, tali riversjoni ma taghmilx stat fil-konfront tal-konvenuta li ma kinitx parti minn tali arrangement u li ghaliha tali arrangement hu ghalhekk res inter alios acta. Il-pozizzjoni tal-konvenuta ma gietx affetwata b'dak li seta' gara fil-konfront tas-sidien tal-fond de quo.*

*2) F'kull kaz, bla pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe riversjoni hi biss parzjali billi setghet avverat ruhha biss fil-konfront ta' tnejn mill-eredi u ghalhekk it-titolu tal-eccipjenti ma huwhiex effetwat.*

*3) Bla pregudizzju ghall-premess u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-atturi fic-citazzjoni attrici, l-estensjoni kontrattwali tal-perijodu originali tal-enfitewsi avverat ruhha a terminu tal-kuntratt enfitwetiku kif jirrizulta waqt il-provi li jigu prodotti fil-kawza. Ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.*

*4) Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw waqt il-kors tal-kawza."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-istess Nota tal-eccezzjonijiet.

Rat in-**Nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta** tal-4 ta' Marzu 2011[2] permezz ta' liema hija eccepiet hekk –

*"Illi llum l-eccipjenti tippossjedi sehemha mill-fond mertu tal-kawza b'titolu ta' enfitwesi perpetwa u ghalhekk it-talbiet kollha attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

[2] Fol 88

Rat in-**Nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta** tas-6 ta' Marzu 2015[3] permezz ta' liema hija eccepiet hekk –

*"l-illegittimita' ta' l-attur Vincent Curmi biex iharrek jew jipprosegwi b'din il-kawza fil-kapacita' ndikata minnu."*

Rat **ir-rikors ta' Marie Christiane Ramsay Pergola** prezentat seduta stante fis-6 ta' Mejju 2016[4] permezz ta' liema hija talbet lill-Qorti tawtorizzaha tassumi l-atti tal-kawza wahedha, ghalhekk issa ad esklussjoni ta' Vincent Curmi fil-kapacita' li fiha jidher bhala ko-attur, peress li b'att ta' divizjoni tas-17 ta' Marzu 2016 hija giet moghtija in piena proprjeta' l-fond mertu tal-proceduri odjerni[5];

Rat **ir-risposta tal-konvenuta ghal dan ir-rikors** prezentata seduta stante fl-20 ta' Jannar 2017[6] permezz ta' liema hija opponiet ghat-talba u ssollevat il-punt li l-ewwel ghandha tigi deciza l-eccezzjoni preliminari dwar l-illegittimita' tal-attur Vincent Curmi biex iharrek jew jipprosegwi bil-kawza odjerna fil-kapacita ndikata minnu.

Rat il-provi mressqa sa issa mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tal-20 ta' Jannar 2017.

**Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta li tolqot l-allegata llegittimita' tal-attur Vincent**

[3] Fol 234
[4] Fol 263
[5] Ara kuntratt ta' divizzjoni esebit a fol 265.
[6] Fol 280

**Curmi biex iharrek jew jipprosegwi b'din il-kawza fil-kapacita' ndikata minnu.**

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum it-talba attrici hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi c-cens temporanju ta' sbatax -il sena renovabbli ghal sbatax il-sena ohra b'kuntratt tal-1976 gravanti l-appartament numru 3 f'Balluta Buildings, fi Triq San Injazju San Giljan bhala terminat ipso facto mal-iskadenza tal-ewwel terminu ta' sbatax -il sena peress li ma ttiehdet ebda azzjoni ghat-tigdid tal-istess cens. Saret talba wkoll ghal dikjarazzjoni li stante l-mewt tal-Baruni Patrick u l-Markiz Joseph ahwa Scicluna, sehemhom mill-proprjeta' msemmija irriverta fl-eredita' ta' missierhom il-Markiz John Scicluna. Konsegwentement it-tezi attrici hija li din il-Qorti ghandha tqis li l-konvenuta ma ghandha ebda titolu biex tkompli tipposjedi l-fond *de quo* u ghalhekk ghandha tigi zgumbrata minn hemmhekk.

Il-konvenuta laqghet ghall-azzjoni billi ressqet eccezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Preliminarjament hija tallega li Vincent Curmi m'ghandux il-poter skont il-ligi biex jintavola l-proceduri odjerni fil-vesti ta' rapprezentant tal-assi ereditarji tal-Markiz John Scicluna. Subordinament u fil-mertu hija targumenta li kwalunkwe riversjoni li setghtet sehhet ma taghmilx stat fil-konfront taghha u li fi kwalunkwe kaz din hija biss parzjali. Di piu', fil-fehma taghha kienet sehhet l-estensjoni tac-cens temporanju u llum hija tippossjedi sehemha mill-fond *de quo* b'titolu ta' cens perpetwu.

**L-eccezzjoni preliminari mertu tad-decizjoni tal-lum tghid hekk -**

***"l-illegittimita' ta' l-attur Vincent Curmi biex iharrek jew jipprosegwi b'din il-kawza fil-kapacita' ndikata minnu."***

Il-konvenuta Holland targumenta li l-vesti li fiha Vincent Curmi ntavola l-proceduri odjerni – "in rapprezentanza tal-assi ereditarji tal-mejjet Markiz John Scicluna" – hija neboluza. Di piu' l-markiz Scicluna kellu biss il-jedd ghall-uzufrutt billi l-proprjeta' kienet giet donata. F'kull kaz, anke jekk kellu jitqies li verament kien hemm ir-reverzjoni tad-donazzjoni, din setghet issehh biss favur l-eredi tad-donant ladarba dan ma kienx ghadu haj. La Curmi ma kienx jirraprezenta lill-eredi tal-Markiz, qatt ma kien ezekutur testamentarju u lanqas kuratur tal-eredita' tal-Markiz Scicluna, huwa ma setax jipprocedi b'din il-kawza.

F'kull kaz, fil-fehma tal-konvenuta, l-fond mertu ta' dawn il-proceduri huwa mibni fuq proprjeta' ta' Violetta Scicluna li mietet fl-1955 u l-proprjeta' ghaddiet ghand uliedha. Ghal dawn ir-ragunijiet, skont il-konvenuta, l-eccezzjoni preliminari taghha timmerita l-akkoljiment.

Minn naha l-ohra l-attur Curmi noe jirribatti illi l-vesti tieghu u li biha qieghed iharrek f'dawn il-proceduri diga' giet konfermata mill-Qrati. Dan apparti d-dokumenti esibiti in atti li jikkonfermaw il-legittimita' ta' Curmi li jgib il-quddiem din il-kawza.

Il-Qorti tindirizza mmedjatament l-argument tal-konvenuta mressaq fir-risposta taghha[7] ghar-rikors ta' Marie Christiane Ramsay Pergola[8] fejn argumentat li din l-eccezzjoni preliminari ghandha tigi deciza qabel it-talba ta' Ramsay sabiex tassumi l-atti wahedha minflok Vincent Curmi noe ghax fil-fehma taghha jekk

[7] Fol 280
[8] Fol 263

tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari taghha, dan ikun konferma li l-kawza tkun giet intavolata hazin u ma tistax tigi sanata bl-introduzzjoni ta' attur gdid. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Ghalkemm effettivament din l-eccezzjoni sejra tigi deciza qabel it-talba maghmula fir-rikors imsemmi, dan ser isir mhux ghar-raguni ndikata mill-konvenuta, imma ghas-semplici raguni li f'dan l-istadju, Vincent Curmi noe m'huwhiex l-uniku attur fil-kawza peress li sa mill-25 ta' Marzu 2013[9], l-istess Marie Christiane Ramsay Pergola kienet diga' giet awtorizzata tidhol fl-atti bhala attrici flimkien ma' Vincent Curmi noe. Ghaldaqstant, ikun xi jkun l-ezitu ta' din is-sentenza, anke jekk tigi milqugha l-eccezzjoni preliminari taghha, il-kawza ma taqax kif pretiz mill-konvenuta.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tghaddi ghall-evalwazzjoni tal-provi saljenti ghall-kwistjoni tal-lum.

Mill-provi mressqa s'issa jirrizulta fost ohrajn li:

i. B'kuntratti separati datati 4 ta' Marzu 1948[10], il-Markiz John Scicluna assenja u trasferixxa b'titolu ta' donazzjoni lil uliedu l-Baruni Patrick u l-Markiz Joe Scicluna kwart indiviz ta' diversi propretajiet fosthom dawk indikati fi klawsola 18 - "*Blokk ta' bini maghruf bhala Balluta Mansions "San Giljan" li jikkonsisti f'ghoxrin flat, erbatax il-garaxx u mezzanine imissu flimkien mit-tramuntana ma' Balluta Bay mill-punent ma' Prince of Wales Road mill-lvant mal-gid tal-Kunvent tal-Patrijiet Carmelitani ta' San Giljan, u minn nofsinhar ma' gid tal-istess Markiz Scicluna u ma' Saint Ignatius College.*" Fl-istess kuntratti gie

[9] Digriet a fol 183
[10] Dok A1 u Dok A 2 a fol 27 et seq

dikjarat li l-*"fondi deskritti taht in-numru tmintax, gew mibnija mid-donanti fuq art li xtara minghand l-avukat Dottor Joseph Pace….."*[11];

ii. Din id-donazzjoni saret taht diversi pattijiet u kundizzjonijiet fosthom li –

a. Jibqa' rizervat a favur tad-donant l-uzufrutt tal-beni donati u li wara l-mewt tieghu dan l-uzufrutt jghaddi a favur il-Markiza martu Violette Scicluna peress li parti mill-beni donati jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti; u

b. Id-donanti jzomm a favur tieghu u tal-werrieta tieghu il-patt reversiv tal-beni donati fil-kaz tal-mewt tad-donatarju minghajr tfal fi kwalunkwe zmien; kif ukoll izomm a favur tieghu il-patt riversiv fil-kaz li jmut qablu d-donatarju biss kemm fil-kaz li jmutu qablu d-donatarju u d-dixxendenti tieghu;

iii. Il-Markiz John Scicluna miet fl-14 ta' Frar 1970[12]. Martu Violetta Scicluna mietet fit-8 t'Awwissu 1955[13]. Huma kienu zzewgu fid-19 ta' Settembru 1921[14];

iv. Il- Baruni Patrick Scicluna miet fit-30 ta' Marzu 1977[15]. Hemm qbil bejn il-partijiet li dan ma halla ebda tfal[16] ;

v. Il-Markiz Joseph Scicluna miet fis-6 ta' Gunju 1995[17]. Hemm qbil bejn il-partijiet li dan ma halla ebda tfal[18];

---

[11] Paragrafu P
[12] Fol 20
[13] Fol 99
[14] Fol 99
[15] Fol 21
[16] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 59
[17] Fol 22
[18] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 59

vi. Meta nfetah it-testment sigriet tal-Markiz John Scicluna fl-24 ta' Frar 1970[19], lill-uliedu Joseph u Patrick Scicluna, Corinne Ramsay u Mignon Marshall hallielhom l-uzufrutt tal-proprjeta' kollha tieghu[20]. Il-proprjeta' suggetta ghall-uzufrutt kellha tigi amministrata mill-amministratur tal-propreta' ta' Scicluna[21]. Il-werrieta tieghu kienu wliedu[22];

vi. Permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Marzu 1976, l-ahwa Joseph u Patrick Scicluna, Mignon Marshall, u Corinne Ramsay ikkoncedew b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal 17 il-sena rinovabbli ghal sbatax il-sena ohra il-fond mertu ta' dawn il-proceduri lil Patrick Holland, ir-ragel tal-konvenuta[23].

**Vincent Curmi** xehed[24] illi huwa l-amministratur tal-proprjeta' tal-markiz John Scicluna u ilu f'din il-kariga mill-1975. Huwa qal li l-proprjeta' mertu ta' dawn il-proceduri jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-Markiz John Scicluna u martu Violet Scicluna. Violet Scicluna mietet qabel zewgha u halliet lill-erba' uliedha bhala eredi. Fl-1948 kienu saru 4 kuntratti ta' donazzjoni favur kull wiehed mill-erba' ulied tal-Markiz Scicluna. Kull wiehed mill-ulied ircieva donazzjoni ta' kwart indiviz ta' diversi proprjetajiet fosthom il-blokk t'appartamenti li fihom hemm l-appartament mertu tal-proceduri odjerni. Ix-xhud kompla li mal-mewt tieghu, il-Baruni Patrick Scicluna kien halla bhala eredi lit-tlett hutu l-ohra. Meta miet Patrick, Curmi kien diga' amministratur. Curmi kien ghamel rikors fis-sekond Awla biex il-proprjeta' Balluta Mansions u l-immobbli kollha li jissemmew fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-1948 jidhlu bhala parti mill-amministrazzjoni u l-Qorti kienet laqghet it-talba. Huma biss tnejn mill-erba' ulied tal-Markiz John Scicluna li ma kellhomx tfal. Dawn huma

[19] Fol 36 et seq
[20] It-tieni artiklu tat-testment
[21] Ir-raba' artikolu tat-testment
[22] Il-hames artikolu tat-testment
[23] Fol 42 et seq
[24] Fol 99 et seq u fol 158 et seq

Joseph u Patrick. Iz-zewg ulied l-ohra, Corinne Ramsay u Mignon Marshall, it-tnejn kellhom it-tfal.

L-attur noe qal li l-appartament mertu ta' din il-kawza jappartjeni lill-estate tal-Markiz John Scicluna. L-estate tal-Markiz huwa fil-fatt proprjetarju taz-zewg blokki ta' barra. Iz-zewg blokki tan-nofs huma mbaghad proprjeta' taz-zewg ulied l-ohra Mignon Marshall u Corinne Ramsay.

Gew prezentati diversi dokumenti minn dan ix-xhud fosthom:

**Rikors datat 2 ta' Lulju 1974**[25] minn Alfred Delia, amministratur tal-assi ereditarji tal-Markiz John Scicluna permezz ta' liema huwa talab biex ghal ragunijet ta' sahha u eta' jigi ezentat milli jkompli jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' amministratur ta' dawn l-assi, u jinhatar minfloku Vincent Curmi sakemm jinhatar amministratur iehor b'mod definittiv.

**Digriet datat 10 ta' Lulju 1974**[26] permezz ta' liema l-Qorti laqghet it-talba u ezentat lil Delia milli jkompli jamministra l-assi ereditarji tal-Markiz u hatret provizorjament lil Vincent Curmi, li kien ukoll il-Manger kurrenti tal-proprjeta' ta' ulied il-Markiz.

**Digriet tat-2 ta' Lulju 1975**[27] permezz ta' liema Vincent Curmi gie mahtur definittivament bhala l-amministratur tal-assi ereditarji tal-Markiz John Scicluna.

**Rikors tal-istess Vincent Curmi tat-13 ta' Marzu 1978**[28] permezz ta' liema bhala amministratur tal-assi tal-Markiz u fir-rigward tal-proprjeta' li dderivat lil

[25] Fol 103
[26] Fol 104
[27] Fol 105

dawk l-assi mir-revizjoni tal-proprjeta' donata mill-Markiz imsemmi lil Patrick Scicluna, huwa talab lill-Qorti tawtorizza d-distribuzzjoni tal-uzufrutt fuq il-proprjeta' msemmija bejn it-tliet ulied Joseph Scicluna, Mignon Marshall u Corinne Ramsay wara l-mewt tal-wild l-iehor Patrick Scicluna.

**Digriet tal-Qorti tas-27 ta' Lulju 1978**[29] permezz ta' liema din it-talba giet milqugha.

**Relazzjoni tal-perit legali l-Professur Joseph Max Ganado**[30] li fiha kien tal-opinjoni li l-proprjeta' tal-mejjet Patrick Scicluna kienet irrivertiet a favur tal-werrieta tal-Markiz John Scicluna skont it-termini tat-testment tieghu soggetta ghall-uzufrutt stipulat fit-testment tal-imsemmi Markiz.

**Causa mortis tal-mejjet Joseph Scicluna datata 30 t'April 1997**[31] permezz ta' liema giet elenkata l-proprjeta' lilu donata u li bil-mewt tieghu irrivertiet lura fl-assi ereditarji tal-Markiz missieru John Scicluna fosthom dik mertu tal-proceduri odjerni.

**L-inventarju addizjonali tal-assi ereditarji tal-Markiz John Scicluna tat-18 ta' Marzu 1997**[32] bl-inkluzjoni tal-proprjeta' li kienet originarjament donata lil Joseph Scicluna u li mal-mewt tieghu kienet suggetta ghar-riverzjoni favur l-eredita' tal-Markiz John Scicluna.

**Testment Sigriet tal-Markiza Violetta Scicluna tas-27 t'April 1953**[33] permezz ta' liema hija halliet il-proprjeta' taghha lil uliedha.

---

[28] Fol 106-107
[29] Fol 107
[30] Fol 108 et seq
[31] Fol 124 et seq
[32] Fol 140
[33] Fol 161 et seq

**Testment tal-Baruni Patrick Spiteri tat-30 ta' Marzu 1977**[34] permezz ta' liema huwa halla lil hutu Joseph Spiteri, Corinne Ramsay u Mignon Marshall bhala l-eredi universali tieghu.

**Ikkunsidrat:**

L-eccezzjoni ta' l-illegittimita` ta' l-attur jew tal-konvenut f'kawza hija regolata bis-sub-titolu IV tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-artikolu 780 ta' dan il-Kodici jipprovdi hekk –

*"L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk."*

L-artikolu segwenti jkompli hekk:

*"781. M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:*

*[.....]*

[34] Fol 170 et seq

*(b) ……kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur ad litem."*

L-argument ewlieni tal-konvenuta huwa li l-vesti "in rapprezentanza tal-assi ereditarji" tal-mejjet Markiz John Scicluna li a bazi taghha Vincent Curmi ntavola l-proceduri odjerni hija wahda neboluza. Dan ghaliex fil-fehma taghha skont il-ligi kellu *se mai* jinhatar kuratur biex jirraprezenta l-eredita' gjacenti u Vincent Curmi qatt ma gie mahtur bhala tali. Curmi huwa mahtur biss bhala amministratur, u f'dik il-vesti huwa jista' biss iwettaq atti ordinarji ta' amministrazzjoni bhal per ezempju l-gbir ta' xi kirjiet dovuti fuq il-proprjeta', izda mhux li jirraprezenta lill-eredita' guridikament fil-qrati.

Il-Qorti tqis li dawn l-argumenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok, gie inekwivokbilment pruvat li Vincent Curmi **gie mahtur <u>mill-Qorti stess</u>, l-ewwel temporanjament fl-1974 u sussegwentement definittivament bhala amministratur tal-assi ereditarji tal-Markiz Scicluna sa mill-1975**. Fit-tieni lok, anke jekk bhala amministratur ta' dawn l-assi ereditarji, Curmi kellu wkoll il-legittimita' attiva li jintavola dawn il-proceduri. Dan kif diga' gie trattat u deciz f'kaz fejn tressqet eccezzjoni simili fil-kuntest ta' proceduri simili anke fil-mertu.

Dan huwa l-kaz fl-ismijiet **Vincent Curmi noe et vs Dennis Degiorgio et deciz fit-23 ta' Novembru 2007**[35] fejn il-Qorti qalet hekk-

*"Il-konvenuti, iżda, qegħdin jgħidu illi ċ-ċitazzjoni saret ħażin, u ma tiswiex, għax l-assi ereditarju ma għandux leġittimazzjoni attiva billi ma għandux personalità ġuridika. Il-kwistjoni, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex jekk wirt battâl*

---

[35] **<u>Nru 769/04 mhux appellata</u>**

*għandux leġittimazzjoni, attiva jew passiva, biex iħarrek jew biex ikun imħarrek. Li tassew għandha dik il-leġittimazzjoni jidher mill-kliem ta' l-art. 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi jistgħu jinħatru kuraturi "biex jidhru u jiddefendu fil-qrati … … … fl-interess … … … ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa … … … għal wirt battal* ***li ħadd ma jidher għalih skond il-liġi***[36] *… … …" A contrario sensu, ma humiex meħtieġa kuraturi għal wirt battal li jidher xi ħadd għalih skond il-liġi, li jfisser illi dak il-wirt jista' jħarrek jew ikun imħarrek fil-persuna ta' min ikun jidher għalih.*

*Il-kwistjoni għalhekk hija jekk min qed jidher f'isem il-wirt għandux tassew is-setgħa li jidher f'dik il-kapaċità.*

*L-atturi qegħdin igħidu illi l-wirt qiegħed jidher għalih Vincent Curmi bħala eżekutur testamentarju maħtur bit-testment ta' John Scicluna. Vincent Curmi iżda, bħala "chief employee in charge of Sciclunas Estates", ma nħatarx eżekutur testamentarju; inħatar amminstratur tal-beni soġġetti għall-użufrutt u amministratur ta' l-ishma tal-werrieta, iżda biss "during the minority or in case of incapacity of any of the said heirs". Illum għad ma hux magħruf min huma l-werrieta, għax għadha ma seħħitx il-kondizzjoni sospensiva tal-mewt ta' l-użufruttwarji skond il-ħames artikolu tat-testment. Għalhekk il-werrieta għad ma għandhomx il-facultas agendi, u, sakemm għadhom taħt din l-inkapaċità, it-testment jaħseb għal amministratur li jista' jmexxi f'isem il-wirt. Il-kawża għalhekk saret sew mill-amministratur.*

*Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel eċċezzjoni, dwar nuqqas ta' personalità legali u nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-wirt, hija miċħuda."*

---

[36] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-uniku kambjament li jirrizulta li kien hemm minn wara dik id-decizjoni huwa l-mewt ta' wild ohra tal-Markiz Scicluna, u cioe' Corinne Ramsay nhar il-31 ta' Dicembru 2007[37], liema zvilupp gie ndirizzat fil-kawza odjerna bl-ammissjoni ta' bintha Christianne Ramsay in atti sa mill-2013 bhala l-werrieta taghha. Dan pero' ma jbiddel xejn mill-insenjament tal-Qorti appena citat, liema insenjament il-Qorti tabbracja u taghmlu taghha.

Il-konvenuta targumenta wkoll li hemm problema bir-rapprezentazzjoni tal-eredita' ghax l-art li fuqha nbniet il-proprjeta' mertu tal-proceduri tal-lum inxtrat waqt iz-zwieg u allura fi zmien il-komunjoni tal-akkwisti, b'dana li mal-mewt tal-Markiza Violetta fl-1955, is-sehem taghha ntiret minn uliedha.

Fuq dan il-punt, u a bazi tal-provi mressqa l-Qorti tibda billi tqis li l-kuntratti ta' donazzjoni tal-1948, li tnejn minnhom gew esebiti in atti jghidu car li kwart indiviz tal-proprjeta' hemm imsemmija, fosthom il-blokka li fiha hemm l-appartament mertu ta' dawn il-proceduri giet mghoddija b'donazzjoni lil kull wiehed mill-erba' ulied tal-Markiz Scicluna. Imbaghad skont il-kuntratt tad-donazzjoni tal-1948, l-art li fuqha nbniet il-blokka appartamenti fosthom dak mertu ta' dawn il-proceduri inxtrat fl-1926. Il-Markiz John u l-markiza Violetta kienu zzewgu fl-1921. Dan ifisser li l-proprjeta' mertu ta' dawn il-proceduri tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghal Qorti dan ifisser li meta l-Markiz ta b'donazzjoni lill-erba' uliedu l-kwart indiviz tal-proprjetajiet indikati fil-kuntratt, huwa minnu li huwa kien qieghed itihom biss is-sehem tieghu mill-proprjeta'. Is-sehem tal-markiza Violetta Scicluna wara mewtha ntiret mill-eredi taghha, l-erba' wlied tal-konjugi Scicluna stess.

Pero' anke jekk il-provi mressqa juru li l-proceduri tal-lum mibdija mill-amministratur Vincent Curmi jirrigwardaw biss is-sehem tal-Markiz donat lil

[37] Fol 182

uliedu mejta u bla ulied Patrick u Joseph Scicluna, l-azzjoni hija xorta valida u proponibbli legalment. Dan fis-sens li Vincent Curmi noe xorta kellu l-*locus standi* mehtieg sabiex huwa jipprocedi bil-proceduri odjerni.

Il-konvenuta targumenta wkoll li f'ebda mument ma kien hemm eredita' gjacenti u ghalhekk Vincent Curmi qatt ma seta' jagixxi f'isem tali eredita'. Hija tghid li anke jekk mal-mewt tal-ulied minghajr tfal kien hemm reverzjoni tal-proprjeta' donata, din ma sehhitx favur l-eredita' izda favur l-eredi. Fil-fehma taghha ghalhekk il-proprjetajiet originarjament donati lil Patrick u Joseph Scicluna, mal-mewt taghhom qatt ma marru lura ghand l-eredita' izda ghand il-werrieta. Il-Qorti tinnota li mill-provi mressqa jirrizulta li d-donazzjonijiet ta' proprjeta' moghtija mill-Markiz Scicluna fl-1948 kienu suggetti ghall-patt reversiv tad-donant u tal-werrieta tieghu fil-kaz ta' mewt tad-donatarju minghajr tfal fi kwalunkwe zmien. Il-Markiz John Scicluna miet fl-1970 u tnejn mill-erba' wliedu segwewh fi spazju ta' numru ta' snin, cioe' l-Baruni Patrick Scicluna fl-1977, u l-Markiz Joseph Scicluna fl-1995, it-tnejn li huma minghajr tfal. Fil-fehma tal-Qorti izda, r-risposta ghal dan tinstab kemm fil-kuntratt ta' donazzjoni kif ukoll fit-testment innifsu tal-Markiz Scicluna. Fl-ewwel lok, huwa car li mal-mewt taz-zewg ulied imsemmija u cioe' Patrick u Joseph Scicluna sehhet ir-reverzjoni tal-proprjeta' donata u li fosthom hemm dik mertu tal-proceduri tal-lum ghaliex huma t-tnejn mietu bla wlied. Fit-tieni lok, il-Qorti ssib sostenn fir-relazzjoni mhejjija mill-professur Ganado[38] u a skans ta' ripetizzjoni inutli ssib li ghar-ragunijet hemm imsemmija il-proprjeta' in kwistjoni rrevertiet lura lill-eredita' tad-donanti u soggetta ghall-uzufrutt imholli fit-testment tal-markiz John Scicluna.

Isegwi li l-argumenti tal-konvenuta ma jregu minn ebda aspett.

---

[38] Fol 108

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Mary Rose Holland dwar l-illegittimita' tal-attur Vincent Curmi biex jistitwixxi l-proceduri odjerni u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez konnessi ma' din l-eccezzjoni preliminari jkunu a karigu tal-istess konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**